**QORTI TAL-MAGISTRATI**
**(MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D**

**RIKORS NRU: 140/18SG**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 1579/18 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED (C46054)**

**VS**

**CASSAR MARY U MICHAEL CASSAR**

**Illum, 11 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat minn Mary Cassar u Michael Cassar fl-4 ta' Gunju 2018, fejn gie espost bir-rispett;

> *Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 1579/2018 ai termini tal-artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti gew notifikati nhar is-Sibt 2 ta' Gunju 2018 sabiex ihallsu l-ammont ta' elfejn, mija u hames Euro u seba' centezmi (EUR 2,105.07) relattiv ghall-fond numru 43, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex*
>
> *Illi t-talbiet kontenuti fl-imsemmija ittra huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:*
> 1. *Fl-ewwel lok il-mittenti jeccepixxu l-privilegium fori u dan peress li l-mittenti huma residenti fil-Gzira ta' Ghawdex. Infatti huma gew notifikati fl-indirizz tar-residenza taghhom f' Ghawdex. Fl-istess waqt, il-proprjeta' mertu ta' din il-pendenza tinsab Ghawdex fl-indirizz indikat hawn fuq. Isegwi ghalhekk li kwalunkwe procdura kellha tigi ntavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u mhux quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);*
> 2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-esponenti jirrilevaw illi l-hlas mitlub mis-socjeta' attrici huwa almenu f' parti minnu milqut mill-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta stante li dan ikopri perjodu li jmur oltre hames snin;*

3. *Illi fit-tielet lok u dejjem interament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti jigbdu l-attenzjoni ghar-rapport li sar fl-24 ta' April 2010 mal-Pulizija Ezekuttiva u li jgib in-numru PIRS 10/Z/1104/2010 fejn il-mittenti Michael Cassar kien irraporta li l-meter tad-dawl kien gie misruq minn fuq il-post u sahansitra rapprezentant tal-Enemalta plc gew infurmati u l-haddiema qatghu s-service wajer tal-meter. Kopja ta' dan ir-rapport jinsab hawn anness u mmarkata bhala Dok A. Illi ghalhekk ma huwa dovut l-ebda hlas kif dedott mis-socjeta' attrici.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*
*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara t-talba tas-socjeta' attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.*
*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' Automated Revenue Management Services Limited tad-9 ta' Lulju 2018, fejn gie ddikjarat:

1. *Illi minkejja li s-socjeta' esponenti giet notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-18 ta' Gunju 2018 l-istess socjeta' giet debitament notifikata bir-rikors tar-rikorrenti fis-26 ta' Gunju 2018;*
2. *Illi preliminarjament kif jidher fuq, din ir-risposta qed issir biss f' isem Automated Revenue Management Services Limited u mhux ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma kif fil-fatt giet intavolata l-ittra ufficjali promotorja bin-numru 1579/2018 (enfazi tas-sottoskritt).*
3. *Illi dan qed jinghad peress li r-rikors biex tigi kontestata l-imsemmija ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Art 466 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta, gie maghmul biss fil-konfront tal-Automated Revenue Management Services Limited u ghalhekk kontestat biss fil-konfront ta' l-istess Automated Revenue Management Services Limited u mhux kontestata fil-konfront tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk illum dawn tal-ahhar diga' ghandha titolu ezekuttiv permezz ta' l-istess ittra ufficjali, stante li z-zmien li fih setghet tigi kkontestata l-istess fil-konfront ta' daw ta' l-ahhar, issa skada.*
4. *Illi l-procedura adoperata, u cioe' dik ikkontemplata fl-artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda ta' natura specjali, u dana ghaliex minkejja illi l-pretensjoni tal-kreditur tigi mressqa lid-debitur permezz ta' ittra ufficjali, huwa d-debitur innifsu li jirrikorri ghall-Qorti billi jharrek lill-kreditur u jitlob lill-Qorti sabiex tididkjara t-talba tal-istess kreditur bhala wahda nfondata. Ghalhekk, stante li d-debitur jibda l-proceduri quddiem il-Qorti, il-kreditur jassumi l-pozizzjoni tal-konvenut u gia la darba f' dawn l-atti , is-socjeta' esponenti hija l-konvenuta, il-privilegium fori ma jistghux igawdu minnu r-rikorrenti qua rikorrenti.*

5. *Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoi moghtija ai termini tal-artikolu 2156(g) hija inapplikabbli fil-kaz odjern.*

6. *Illi, nonostante dak eccepiet mir-rikorrenti bhala l-eredi tad-defunta Assunta Cassar, huma responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe pendenza li hemm pendenti fuq il-kont in kwistjoni, u cioe' l-kont bin-numru 101000244479.*

7. *Ghaldaqstant b' rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjai numru 1579/2018 pprezentata ai temrini tal-art 466 tal-kap 12 tal-ligjiet ta' malta bhala titolu ezekuttiv ukoll a favur ta' l-Automated Revenue Management Services Limited kontra r-rikorrenti bl-ispejjez.*

Rat il-provi prodotti permezz tal-procedura tal-affidavits;

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat li r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-eccezzjoni mqajjma minnhom fir-rigward tal-privilegium fori;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Frar 2020, fejn gie deciz li l-azzjoni tas-socjetà intimata li huwa dovuti ghal zmien precedenti ghat-30 ta' Mejju 2013, huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kompla jisma' l-provi;

Sema' sottomissjonijiet finali;

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

F'din il-procedura, il-konjugi Cassar spjegaw bil-gurament taghhom, li fid-dar bin-numru 42, Triq San Blas, Nadur, kienu jghixu l-genituri ta' Michael Cassar, u li l-ahhar li abita xi hadd f'din id-dar kien madwar 23 sena ilu, fejn kienet toqghod Maria Assunta Cassar, li tigi t-tieni mara ta' missier Michael Cassar. Intqal bil-gurament, li hadd ma kien jabita f'dan il-post, u li fl-24 ta' April 2010, Michael Cassar kien mar fil-fond u nnota li terzi persuni, dahlu fil-post u serqu l-meter tad-dawl. Sar rapport mal-Pulizija dwar dan.

Michael Cassar ikkonferma wkoll li huwa kien jircievi l-kontijiet, u meta kien imur l-ARMS, kienu jinfurmawh li jafu bil-problema li nsteraq il-meter. Madanakollu, b'ittra tal-10 ta' Marzu 2015, huwa gie mitlub ihallas is-somma ta' € 1,500 bhala penali. Dan kollu gie kkonfermat minn Mary Cassar.

Ghalhekk, permezz ta' din l-azzjoni, l-ammont li qed jigi pretiz minn Arms Limited, qed jigi kkontestat bhala li mhux dovut.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjetà ARMS Limited irrizulta li l-*missing meter charge* ammontanti ghal €1,500, kienet giet mdahhla f'Marzu 2016, hekk kif jirrizulta minn Dok JA2, Dok JA 3 u Dok RB1. L-istess rapprezentant in kontroezami, ikkonferma li kienet intbaghtet ittra fit-18 ta' Marzu 2015, minn Dottor Joshua Grech, li kien ta informazzjoni fis-sens li l-meter tad-dawl kien insteraq.

Il-Qorti tqis illi f'materji ta' istallazzjoni ta' servizz ta' dawl u ilma gewwa fond, ir-relazzjoni guridika bejn il-fornitur tas-servizz, f'dan il-kaz is-socjeta` intimata, u l-konsumatur registrat, tibqa' fis-sehh bejn l-istess partijiet, fis-sens li l-istess konsumatur jibqa' responsabbli ghal meter li jkun irregistrat f'ismu. Fit-trattazzjoni finali, il-legali ta' ARMS Limited jinvoka r-regolament numru 72 tal-legislazzjoni sussidjarja 545.01 'Regolamenti Fuq il-Provvista tal-Elettriku', li jistipola li ebda konsumatur ma jehles mill-obbligu tal-hlasijiet tal-hlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba, u sakemm ma jaghtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu, li ma bi hsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tinghata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx hallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jaghti taht dawn ir-regolamenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien jinkombi fuq l-istess konsumatur registrat jew l-eredi taghha li jinfurmaw lill-fornitur tas-servizz, li dan il-meter kien insteraq. Kien jinkombi fuqhom li jimlew dawk il-formoli necessarji sabiex tali kwistjoni tant important, tigi a konjizzjoni tal-istess fornitur. Nonostante li sar rapport lill-Pulizija fl-24 ta' April 2010, kien biss b'ittra tat-18 ta' Marzu 2015 ezebita bhala Dok MB1, li l-fornitur tas-servizz gie infurmat bil-miktub, b'dan is-serq. Madanakollu, skont ix-xhieda tal-konjugi Cassar, huma kienu nfurmaw lil tal-ARMS b'dak li kien gara, kull meta kienu jmorru ghandhom wara li jircievu l-kontijiet relattivi tad-dawl u l-ilma.

Din il-Qorti tqies li meta sar ir-rapport mal-Pulizija dwar is-serq ta' dan il-meter, jirrizulta li gew infurmati rapprezentanti tal-Enemalta plc, li nkarigaw haddiema taghhom jaqtghu s-*service wire* tal-meter. In fatti, kien gie nfurmat l-Inginier tal-Ghassa, Anthony Attard. Dan kollu jirrizulta mill-affidavit ta' Michael Cassar a fol 116 tal-process, u mill-kontenut tar-rapport tal-Pulizija.

In vista ta' dawn ic-cirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti tqies li dan il-kaz kien jirrigwarda cirkostanzi eccezzjonali, u li jmorru lil hinn minn responsabilità tal-konjugi Cassar; ghalkemm l-istess konjugi Cassar kien messhom hadu hsieb li jaghmlu dak kollu possibbli ghalihom, sabiex jirregolarizzaw din il-pozizzjoni b'mod formali mal-ARMS Limited.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti qed tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors promotur ipprezentat fl-4 ta' Gunju 2018, fis-sens li qed terga' tikkonferma s-sentenza taghha tas-17 ta' Frar 2020, fis-sens li l-azzjoni tas-socjetà ARMS Limited ghal dawk l-ammonti li huma dovuti ghal zmien precedenti ghat-30 ta' Mejju 2013, huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li qed tiddeciedi li l-ammonti indikati ghal zmien wara t-30 ta' Mejju 2013, mhumiex dovuti, u per konsegwenza, qed tiddikjara t-talba ta' Automated Revenue Management Services Limited bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Stante c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Magistrat Dr.Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur